**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Saviour Baldacchino]**
**[Spettur Carol Fabri]**

**vs**

**Justin Farrugia**
**-omissis-**

**Kumpilazzjoni Numru: 335/12**

**Illum, 23 ta' April, 2018**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra Justin Farrugia detentur tal-karta tal-identita` numru 228891M.

U lil -omissis-

Akkuzati talli; b'diversi atti maghmulin minnhom ukoll jekk fi zminijiet differenti, jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. Talli fl-14 ta' Marzu, 2012 u/jew fil-granet u/jew xhur ta' qabel gewwa, l-Gzira bla ordni skont il-ligi tal-awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arrestaw,

zammew jew issekwestraw lil Nicholas Farrugia u lil Nicholas Farrugia u lil John Ellul kontra l-volonta' taghhom jew taw il-post biex fih dawn il-persuni jigu arrestati, mizmuma jew issekwestrati. U dan bil-hsieb li jestorcu flus jew xi hwejjeg ohra, jew sabiex Nicholas Farrugia u John Ellul jaccetaw li jaghmlu trasferiment ta' hwejjeghom.

2. Ukoll talli fl-istess data lok hin u cirkustanzi; irrikattaw lil Nicholas Farrugia u lil John Ellul bil-hsieb li jestorcu flus jew xi hag'ohra, jew li jaghmlu xi qliegh jew bil-hsieb li jgieghelu lil Nicholas Farrugia u lil John Ellul jaghmlu jew jonqsu li jaghmlu xi haga u/jew permezz ta' theddid li jaghmlu denunzja jew kwerela kontra taghhom jew li jaghtu malafama.

3. U aktar talli f'dawn il-Gzejjer, fil-15 ta' Frar, 2012 u/jew fi granet jew xhur ta' qabel; iffalsifikaw cekk proprjeta' tal-Bank of Valletta, bin-numru 1280 li meta gie pprezentat minnhom, ircevew somma ta' Elfejn, mitejn u ghoxrin Euro (€2220) fi flus kontanti.

4. U aktar talli f'dawn il-Gzejjer, fil-14 ta' Marzu, 2012 u/jew fi granet jew xhur ta' qabel, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamlu uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifici foloz, jew billi nqdew b'qerq iehor, ingann, jew billi wrew haga b'ohra sabiex igieghelu titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamlu qligh ta' tlett elef, mitejn u sebghin Euro (€3270) ghad-dannu ta' John Ellul u ta' Nicholas Farrugia jew persuni ohra.

5. U wkoll talli saru recidivi b'diversi sentenzi moghtija lilhom mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi huma definittivi u li ma jistghux jigu mnaqsa jew mibdula skond artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Lil Justin Farrugia wahdu akkuzat talli:

6. F'dawn il-Gzejjer, fil-15 ta' Frar, 2012 u/jew fi granet jew xhur ta' qabel ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat li jikkonsisti f'cekk f'proprjeta' tal-Bank of Valletta, bin-numru 1280, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, dispozizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li kienu gew iffurmati, inkella billi zid jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw u dan ghad-dannu ta' Nicholas Farrugia.

7. Kif ukoll talli nhar l-20 ta' Frar, 2012 filghaxija gewwa San Giljan attakka u ghamel rezistenza bi vjolenza u/jew hebb kontra l-Kuntistabbli 80 Stephen Mercieca li huwa inkarigat skont il-ligi minn servizz pubbliku, u cioe' membru fil-Korp tal-Pulizija waqt li kien qed jaghmel dan is-servizz. (96a)

8. Talli fl-istess cirkostanzi ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-Pulizija u cioe' tal-Kuntistabbli 80 Stephen Mercieca u lil Kuntistabbli 781 Anthony Zammit

9. U anke talli fl-20 ta' Frar, 2012 ukoll fil-granet ta' qabel f'dawn il-Gzejjer hu saq vettura bil-mutur tal-ghamla skoda u ta' kulur ahmar bin-

numru ta' registrazzzjoni EAU-708 minghajr licenzja tas-sewqan u aktar talli saq b'nuqqas ta' kont, bi traskuragni u b'mod perikoluz.

10. Talli fl-14 ta' Marzu, 2012 u /jew fil-granet u/jew xhur ta' qabel f'dawn il-Gzejjer xjentement ghex ghal kollox jew f'parti, minn fuq il-qligh tal-prostituzzjoni ta' Ellie Briffa u persuni ohra.

11. Talli nhar l-14 ta' Marzu, 2012 u/jew fil-granet u/jew xhur ta' qabel bl-imgieba tieghu kkaguna lil Nicholas Farrugia u lil John Ellul biza' li se tintuza vjolenza kontrihom jew kontra l-proprjeta' taghhom jew kontra l-persuna jew il-proprjeta' ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti taghhom.

12. Ukoll talli fix-xahar ta' Marzu u/jew fil-granet u xhur ta' qabel; gewwa dawn il-Gzejjer gab ruhu b'mod li ta fastidju lil Nicholas Farrugia u lil John Ellul jew gab ruhu b/mod li kien jaf jew li jmissu kien jaf li dan kien ta fastidju ghal dawk il-persuni.

13. Talli kiser il-kundizzjonijiet ta' helsien mill-arrest li gew impost fuqu nhar il-15 ta' Dicembru, 2011 mill-Magistrat Dr C Scerri Herrera LL.D.

14. Talli wettaq reati de quo fil-perjodu operattiv ta' sentenzi ta' Prigunerija sospiza datati 22/6/2010 u 17/2/2011.

Lil -omissis-

-omissis-

-omissis-

-omissis-

Rat in-nota ta' rinviju tal-Avukat Generali datata disgha (9) ta' Dicembru elfejn u tlettax (2013) li bih elenka l-Artikoli tal-Ligi li bihom jahseb li ghandha tinstab htija u cioe':

1. fl-artikolu 18 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. fl-artikoli 86, 87(1)(e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. fl-artikolu 250(1)(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. fl-artikoli 308, 310(1)(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
5. fl-artikolu 167(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
6. fl-artikolu 183 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
7. fl-artikolu 96(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
8. fl-artikolu 338(ee) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
9. fl-artikolu 15(1) (2)(3) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta;
10. fl-artikolu 7(1)(3) tal-Kap 63 tal-Ligijiet ta' Malta;
11. fl-artikolu 251B(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
12. fl-artikolu 251A(1)(a)(b)(4) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
13. fl-artikolu 579(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
14. fl-artikoli 28A sa 28H tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta relattivament ghal dak misjub fl-artikolu 28F tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; u
15. fl-artikolu 17, 31, 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kawza senjatament l-ammissjoni tal-imputat datata tmienja u ghoxrin (28) ta' Novembru elfejn u sittax (2016) ghall-akkuzi kollha kif dedotti

kontrih hlief l-ghaxar (10), il-hdax (11), u t-tnax (12)-il akkuza u rega' kkonferma tali ammissjoni wara li nghata zmien opportun sabiex jirrikunsidra tali ammissjoni;

Rat ir-rapport tal-ufficjal tal-Probation Rhona Custo' wara li giet inkarigata sabiex thejji *Social Enquiry Report* ghall-akkuzat Justin Farrugia fejn din xehdet bil-gurament illi l-imputat Justin Farrugia donnu qisu stabbilizza xi ftit u kien qed jahdem xoghol fil-komunita' izda sa dak il-mument huwa ma kellux xoghol fiss;

Illi l-Qorti kienet sorpriza li tara li l-imputat qatt ma mmotiva dan l-andament tieghu billi perezempju talab biex jithejja *Pre Sentencing Report* biex forsi jipprova li huwa verament biddel hajtu u dan in vista li l-akkuzi fil-konfront tieghu huma ta' natura serja hafna u dan ukoll in vista tal-fatt illi huwa ammetta ghall-akkuzi kwazi kollha.

Illi ghar-rigward l-akkuzi li l-imputat ma ammettiex ghalihom, li dawn jirrigwardjaw akkuzi li fix-xahar ta' Marzu tal-elfejn u tnax (2012) u/jew fil-granet u/jew fix-xhur ta' qabel gewwa l-Gzira, l-imputat ghex mill-qligh tal-prostituzzjoni, u li huwa kkaguna biza' li kien ser juza vjolenza kontra Nicholas Farrugia u John Ellul u bl-imgieba tieghu kkaguna fastidju kontra taghhom.

Illi ghar-rigward l-ghaxar (10) akkuza u cioe' l-prova li hu kien qed jghix mill-prostituzzjoni ma ngabitx il-prova illi ghal tul ta' zmien huwa kien ihaddem lil Ellie Briffa jew nisa ohra ghal skopijiet ta' prostituzzjoni. Il-Prosekuzzjoni gabet biss il-prova ta' x'gara dakinhar tal-allegat reat u cioe' li l-imputat Justin Farrugia dahal fl-appartament fejn kienet ser tipprostitwixxi ruhha Ellie Briffa ma' Nicholas Farrugia u John Ellul f'okkazzjonijiet diversi u hemmhekk talab ghall-flus sabiex ma jikxifx lill-istess Farrugia u Ellul peress li l-imputat kien

qallhom li Ellie Briffa kienet minorenni. Ghal dan il-fatt l-imputat ammetta l-akkuzi. Izda l-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova li dawn il-flus u cioe' ghoxrin ewro (€20) li hadet lil Farrugia u li kienet ser tiehu lil Ellul kienu destinati kollha jew parzjalment lill-imputat.

Illi ghar-rigward ir-reat ta' biza' u ta' fastidju jinghad illi bl-atteggjament tal-imputat li dahal fl-appartament b'kanna u jhedded lil Farrugia u lil Ellul li jirrapurtahom peress li hi kienet minorenni huwa bizzejjed biex persuna normali tibza' tant hu hekk li huma ssokkombew ghar-rikatti tal-imputat u tawh il-flus li kien qed jitlobhom.

Ghar-rigward ir-reat ta' fastidju ma giex ippruvat illi l-imputat kien jiffastidajhom anke qabel ix-xahar ta' Marzu elfejn u tnax (2012) hekk kif tghid l-akkuza u ghalhekk din ma gietx ippruvata.

Ghal dawn il-motivi ssib lill-imputat Justin Farrugia hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontrih hlief l-ghaxar (10) u t-tnax (12)-il akkuza u tikkundannah ghal piena ta' prigunerija erba' (4) snin u xahrejn (2) prigunerija effettivi. Il-Qorti tordna wkoll illi z-zewg sentenzi precedentement inflitti fuq l-imputat u datati sbatax (17) ta' Frar, elfejn u hdax (2011) mill-Qorti tal-Appell u tnejn u ghoxrin (22) ta' Gunju, elfejn u ghaxra (2010) (Dok. SBX – fol. 306) jibdew fis-sehh mil-lum.

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Dep. Reg.**